# Tribunal Industrijali

## Decizzjoni Numru 1815

Kaz Numru 2387/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Darren Busuttil

U

Trapless Ltd

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum 29 ta' Ottubru 2007

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara dikjarazzjoni mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 2 ta' Awissu 2006 mill-Avukat Dr. Karl Briffa li bghat din id-dikjarazzjoni ghan-nom ta' Darren Busuttil fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Darren Busuttil maghruf bhala l-appellant kien assistita mill-Avukat Dr. Karl Briffa u ghall-Kumpanija Trapless Ltd deher George Baldacchino assistit minn Dr. Andrew Borg Cardona.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Traplas Ltd bhala machine operator u kien imkecci minghajr raguni valida ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Darren Busuttil gie terminat minhabba li kellu produzzjoni baxxa u hela ta' hin.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed George Baldacchino li huwa direttur tal-kumpanija mal-istess ditta fejn qal li Darren Busuttil kien ilu jahdem madwar hames snin bhala machine operator u kellu diversi warnings u sospensjoni qabel ma tkecca. Il-warnings kienu jokkonsistu billi kien jiskarta, johoda easy u icempel. Keilu ukoll diversi verbal warnings.

Xehed ukoll Denyo Danylov li huwa shift supervisor fejn qal li Darren Busuttil kien jahdem fis-shift tieghu u l-istess Darren Busuttil kien jdum biex jibda, kien icempel, u kien jghidlu hadna drabi biex jibda, biex ma jkomliex jitkellem fuq it-telefon u kellu suspett li kien jaghmel zbalji apposta.

Xehed Darren Busuttil minn jeddu u qal li kien jahdem mat-Traplas Ltd minn 7/2/2000 bhala machine operator u xogholu kien ta' packer fuq il-magna u kien jahdem fuq magna in partikolari. L-istess Darren Busuttil qal li kellu tlett warnings fuq nuqqas ta' production u kien kostrett li jiffirmahom ghax kien jitkecca u dawn il-warnings kienu fuq medda ta' zmien. Ma kienx hemm policy fuq il-mobile u kien l-istess principal li kien icempillu fuq il-mobile waqt ix-xoghol. L-istess Darren Busuttil ammetta li l-principal waqqfu diversi drabi. Hu qal ukoll ili r-raguni ta' nuqqas ta' produzzjoni kienet principalment minhabba li l-magna kienet ittih problemi, jew il-plastic ma kienx ikun tajjeb u allura twahhal. Meta saqa xi hbieb antiki li jahdmu fil-post infurmawh illi il-principal ma dahhalx aktar haddiema anzi telqu ohrajn.

Xehed Carmelo Piscopo li kien jahdem mas-socjeta Traplas Ltd u spicca xi sena u nofs ilu. Il-management kien jghajjat minghajr ebda raguni u gieli ircieva xi telefonati fuq il-mobile personali tiehu mill-principal. L-istess xhud qal illi l-magna li kien jahdem fuqha Darren Busuttil kienet taghti hafda problemi u dejjem twahhal.

Saru domandi in kontro-ezami u re-ezami lix-xhud Denys Danylov kif ukoll re-ezami tar-re-ezami.

Rega xehed George Baldacchino in kontro-ezami fejn xehed illi x-xoghol Darren Busuttil kien jaghmlu tajjeb ghax qatt ma gew lura b'xi ilmenti pero tkecca minhabba l-atttudini tieghu. L-istess xhud irrisponda domandi in re-ezami.

Xehed Dareen Busuttil in kontro-ezami kif ukoll Carmel Piscopo xehed in kontro-ezami ukoll.

Il-partijiet tramite l-avulati rispettivi taghhom ghamlu sottomissjonijiet skritti.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li jinnota illi l-attitudini ta' Darren Busuttil kien xejn ko-operattiv. L-atttidini ta' Darren Busuttil kienet wahda negattiva u minflok rranga s-sitwazzjoni tieghu maz-zmien rrenda l-post tax-xoghol fejn kien jahdem ghal wahda ta' sfida, nuqqas ta' fiducja fih u konsistenti tedjuz.

Jidher car illi l-attitidini ta' Darren Busuttil mas-superjuri tieghu kienet tali li sa fl-ahhar ma setghux jissaportu l-attitudini tieghu. L-impjegat ghandu jispiera fiducja u juri interess fix-xoghol u joqghod ghall-ordnijiet legittimi. Ghalkemm ma ghamel xejn serju li wiehed jista jghid jimmerita tkeccija instantaneja, l-aspetti ohra flimkien jimmeritaw it-tkeccija. L-uzu tal-mobile phone konsistentement fuq il-post tax-xoghol, id-dewmien biex jibda huma fatturi li jwassal it-Tribunal jemmen il-verzjoni tal-principal meta wasal ghall-konkluzzjoni li ukoll kellu nuqqas ta' produzzjoni.

Dawn l-affarijiet fllimkien ma jhalli ebda dubbju f'mohh it-Tribunal li t-tkeccija kienet wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata. It-Tribunal ma ra ebda progress fl-attitudini fuq il-post tax-xoghol ta' Darren Busuttil anzi ra rigressjoni. Minn naha l-ohra it-Tribunal jinnota ukoll l-attitudini xi ftit zorra tal-principal u japprezza illi is-suq tieghu huwa wiehed kompettitiv u ukoll jinnota illi kien hemm diversi problemi hekk kif dahlet l-eco tax, amalgamat mal-fatt ill il-magni huma xi ftit jew wisq antiki u li jistghu jkollhom il-problemi meta jinhaddmu pero tenut kont tac-cirkostanzi it-Tribunal ihoss illi Darren Busutil ma tax kas il-